KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

**Brussell, 3 ta' Mejju 2013 (31.07)**
**(OR. en)**

**9246/13**

**PUBLIC 24**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL<br>DIĊEMBRU 2012 |

Dan id-dokument jikkonsisti f'dan li ġej:

- ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill f'DIĊEMBRU 2012[1].[2]
- ANNESS II li fih aktar dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. Il-PARTI I tagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u fejn adatt, ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni, spjegazzjonijiet dwar il-votazzjoni u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. Il-PARTI II tagħti informazzjoni li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmel pubblika dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi mwaqqfa bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att leġislattiv jiġi adottat u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet fuq:
http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts
Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: http://consilium.europa.eu/documents/access-to-council-documents-public-register

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli permezz tal-Internet fuq:
http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/council-minutes

# LISTA TA' ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'DIĊEMBRU 2012

**It-3204 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fi Brussell fit-3 ta' Diċembru 2012**

Regolament (UE) Nru 1216/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 li jintroduċi, fl-okkażjoni tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, miżuri temporanji speċjali għar-reklutaġġ ta' uffiċjali u ta' aġenti temporanji tal-Unjoni
ĠU L 351, 20.12.2012, p.33–33

Regolament (UE) Nru 1217/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar l-allokazzjoni ta' kwoti tar-rati tariffarji li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' injam mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni Ewropea
ĠU L 351, 20.12.2012, p. 34–35

Regolament (UE) Nru 1218/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil taħt l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għat-tibdil fil-konċessjonijiet fir-rigward tal-laħam tat-tjur ipproċessat previsti fl-Iskeda tal-UE annessa mal-GATT tal-1994, u tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tajlandja taħt l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għat-tibdil fil-konċessjonijiet fir-rigward tal-laħam tat-tjur ipproċessat previsti fl-Iskeda tal-UE annessa mal-GATT tal-1994, u li jemenda u jissupplimenta l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni
ĠU L 351, 20.12.2012, p. 36–39

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1259/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll li jistipula l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għal perijodu ta' sentejn, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1801/2006
ĠU L 361, 31.12.2012, p. 87–88

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/827/UE tat-18 ta' Diċembru 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti bil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd attwalment fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet
ĠU L 361, 31.12.2012, p. 43–84

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1220/2012 tat-3 ta’ Diċembru 2012 dwar miżuri relatati mal-kummerċ sabiex tkun garantita l-provvista ta’ ċerti prodotti tas-sajd lill-proċessuri tal-Unjoni mill-2013 sal-2015, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 104/2000 u (UE) Nru 1344/2011 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1062/2009

ĠU L 349, 19.12.2012, p. 4–8

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/745/PESK tat-3 ta’ Diċembru 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

ĠU L 332, 4.12.2012, p. 22–28

Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1139/2012 tat-3 ta’ Diċembru 2012 li jimplimenta l-Artikolu 11(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

ĠU L 332, 4.12.2012, p. 1–7

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/749/UE tat-3 ta’ Diċembru 2012 li ġġedded il-perijodu ta’ applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2010/371/UE tas-7 ta' Ġunju 2010 dwar il-konklużjoni ta’ konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Madagaskar taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta’ Sħubija AKP-UE

OJ L 333, 5.12.2012, p. 46–47

Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/7/UE tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

ĠU L 10, 15.1.2013, p. 1–2

Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1153/2012 tat-3 ta’ Diċembru 2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta’ ġilda tal-kamoxxa li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta’ skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009

ĠU L 334, 6.12.2012, p. 31–43

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/747/UE tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 (dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet) tal-Ftehim taż-ŻEE

ĠU L 333, 5.12.2012, p. 1–2

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Enerġija Rinnovabbli: attur ewlieni fis-suq Ewropew tal-enerġija

16205/12

**It-3205 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI), li saret fi Brussell fl-4 ta' Diċembru 2012**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)
16489/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Forum Konġunt tal-UE dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment
16380/12

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/769/UE tal-4 ta' Diċembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja li tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud
ĠU L 338, 12.12.2012, p. 27–28

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/778 tal-4 ta' Diċembru 2012 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2009/587/KE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'Malta
ĠU L 342, 14.12.2012, p. 43–44

Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/6 tal-4 ta' Diċembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/734/UE indirizzata lill-Greċja bil-ħsieb li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tagħti notifika lill-Greċja biex jittieħdu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjus bħala meħtieġ biex tissewwa l-qagħda ta' żbilanċ eċċessiv
ĠU L 4, 9.1.2013, p. 40–45

**It-3206 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fi Brussel fis-6 u s-7 ta' Diċembru 2012**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/773 tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, minn naħa oħra, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali
ĠU L 340, 13.12.2012, p. 1–6

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/774 tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali
ĠU L 340, 13.12.2012, p. 7–12

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/775 tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u r-Repubblika ta' San Marino, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali
ĠU L 340, 13.12.2012, p. 13–18

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/776 tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali
ĠU L 340, 13.12.2012, p. 19–25

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/792/UE tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil taħt l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għat-tibdil fil-konċessjonijiet fir-rigward tal-laħam tat-tjur ipproċessat previsti fl-Iskeda tal-UE annessa mal-GATT tal-1994, u tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tajlandja taħt l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għat-tibdil fil-konċessjonijiet fir-rigward tal-laħam tat-tjur ipproċessat previsti fl-Iskeda tal-UE annessa mal-GATT tal-1994
ĠU L 351, 20.12.2012, p. 47–47

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/763 tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea
ĠU L 337, 11.12.2012, p. 1–1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġlieda Kontra l-Vjolenza Kontra n-Nisa, u l-Proviżjoni ta' Servizzi ta' Appoġġ għall-Vittmi tal-Vjolenza Domestika
16382/12

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012): It-Triq 'il Quddiem
17468/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Donazzjoni u Trapjant tal-Organi
ĠU C 396, 21.12.2012, p. 12–14

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Tixjiħ b'Saħħtu Matul l-Istadji Kollha tal-Ħajja
ĠU C 396, 21.12.2012, p. 8–11

**It-3207 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI), li saret fi Brussell fis-6 u s-7 ta' Diċembru 2012**

Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali
ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1–32

Regolament (UE) Nru 1168/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea
ĠU L 344, 14.12.2012, p. 1–2

Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2012 li tadotta l-Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 għall-baġit ġenerali 2012
ĠU C 378, 8.12.2012, p. 3–3

Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2012 li tadotta l-Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit il-ġdid tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013
ĠU C 378, 8.12.2012, p. 4–4

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-segwitu għall-evalwazzjoni ta' Schengen li saret fl-2011 tal-Prinċipat tal-Liechtenstein
16366/12

2012/764/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mal-istabbiliment ta' Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja
ĠU L 337, 11.12.2012, p. 48–49

Deċiżjoni 2013/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2012/005/SE/Saab mill-Isvezja)
ĠU L 8, 12.1.2013, p. 17–17

Deċiżjoni 2013/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (l-applikazzjoni EGF/2011/026 IT/Emilia-Romagna Motorcycles mill-Italja)
ĠU L 8, 12.1.2013, p. 16–16

Deċiżjoni 2013/14/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2012 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/013 DK/Flextronics mid-Danimarka)
ĠU L 8, 12.1.2013, p. 13–13

2013/15/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2012 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/014 RO/Nokia mir-Rumanija)
ĠU L 8, 12.1.2013, p. 14–14

Deċiżjoni 2013/16/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2012 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni f’konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/018 ES/País Vasco Productos metálicos minn Spanja)
ĠU L 8, 12.1.2013, p. 15–15

Deċiżjoni 2013/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2012 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/006 FI/Nokia Salo mill-Finlandja)
ĠU L 8, 12.1.2013, p. 18–18

Deċiżjoni 2013/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2012 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/011 AT/Soziale Dienstleistungen mill-Awstrija)
ĠU L 8, 12.1.2013, p. 12–12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni kontra t-theddid terroristiku
17008/12

Strateġija tal-UE dwar id-Drogi (2013-2020)
ĠU C 402, 29.12.2012, p. 1–10

**It-3208 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ) li saret fi Brussell fl-10 u l-11 ta' Diċembru 2012**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar "Aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali: Industrija Ewropea Aktar b'Saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku"
17566/12

Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-UE għall-ġlieda kontra l-ksur tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali (IPR)
għas-snin 2013 sal-2017
17311/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress dwar l-Istrateġija għall-evoluzzjoni tal-Unjoni Doganali
17302/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Att dwar is-Suq Uniku II
16617/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Sħubija Rinfurzata taż-Żona Ewropea tar-Riċerka għall-Eċċellenza u għat-Tkabbir"
17003/12

**It-3209 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN), li saret fi Brussell fl-10 ta' Diċembru 2012**

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/777 tal-10 ta' Diċembru 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fil-programmi tal-Unjoni
ĠU L 340, 13.12.2012, p. 26–26

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ukraina
17082/12

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/765/PESK tal-10 ta' Diċembru 2012 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassar id-Deċiżjoni 2012/333/PESK
ĠU L 337, 11.12.2012, p. 50–52

Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1169/2012 tal-10 ta’ Diċembru 2012 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 542/2012
ĠU L 337, 11.12.2012, p. 2–5

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo
17390/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni f'Mali
17391/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Demokratika u Popolari tal-Korea (RDPK)
17478/1/12 REV 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-MEPP
17516/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja
17515/12

**It-3210 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI) li saret fi Brussell fil-11 ta' Diċembru 2012**

Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Jannar 2013 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta’ prekursuri tal-isplussivi (Test b’relevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 39, 9.2.2013, p. 1–11

Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta’ vetturi b’żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (Test b’relevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52–128

Pożizzjoni (UE) Nru 1/2013 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta’ Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 fir-rigward tal-esklużjoni ta’ għadd ta’ pajjiżi mil-lista ta’ reġjuni jew stati li kkonkludew in-negozjati Adottata mill-Kunsill fil-11 ta’ Diċembru 2012
ĠU C 39E, 12.2.2013, p. 1–6

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Politika Marittima Integrata - Aġenda dwar il-Baħar u Marittima għat-Tkabbir u l-Impjiegi
16553/12

2012/793/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-amministrazzjoni tal-kwoti tar-rata tariffarja li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' injam mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni Ewropea u l-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-modalitajiet tekniċi skont dak il-Ftehim
ĠU L 349, 19.12.2012, p. 3–3

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1241/2012 tal-11 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1138/2011 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċerti alkoħols xaħmija u t-taħlitiet tagħhom li joriġinaw mill-Indja, l-Indoneżja u l-Malasja
ĠU L 352, 21.12.2012, p. 1–5

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aġenda CBRNE l-ġdida
16980/12

2013/4/Euratom: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2012 li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012-2013)
ĠU L 4, 9.1.2013, p. 1–2

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Tkabbir u Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni
17604/12

**Adozzjoni ta' Att Leġislattiv wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-10 sat-13 ta' Diċembru 2012)**

Regolament (UE) Nru 100/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà
ĠU L 39, 9.2.2013, p. 30–40

Regolament (UE) Nru 1219/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 li jistabbilixxi arranġamenti transizzjonali għal ftehimiet bilaterali ta' investiment bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi
ĠU L 351, 20.12.2012, p. 40–46

**It-3211-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fi Brussell fis-17 ta' Diċembru 2012**

Regolament (UE) Nru 1257/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja
ĠU L 361, 31.12.2012, p. 1–8

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1260/2012 tas-17 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni
ĠU L 361, 31.12.2012, p. 89–92

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 55/2013 tas-17 ta' Diċembru 2012 dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1214/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq bejn Stati Membri taż-żona tal-euro
ĠU L 21, 24.1.2013, p. 1–2

2013/5/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2012 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis ikkaġunat mill-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-blata kontinentali, qiegħ il-baħar u s-sottoswol tiegħu
ĠU L 4, 9.1.2013, p. 13–14

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1231/2012 tas-17 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali
ĠU L 350, 20.12.2012, p. 1–7

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1232/2012 tas-17 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1344/2011 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli, tas-sajd u industrijali
ĠU L 350, 20.12.2012, p. 8–35

2012/794/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2012 li tawtorizza lill-Bulgarija u lir-Rumanija biex japplikaw miżuri ta' deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud
ĠU L 349, 19.12.2012, p. 55–56

2013/2/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi
ĠU L 3, 8.1.2013, p. 1–2

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Blueprint għas-Salvagwardja tar-Riżorsi tal-Ilma tal-Ewropa
17282/12

**It-3212-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), li saret fi Brussell fit-18, id-19 u l-20 ta' Diċembru 2012**

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1242/2012 tat-18 ta' Diċembru 2012 dwar l-iffissar, għas-sena tas-sajd 2013, tal-prezzijiet ta' gwida u l-prezzijiet tal-produttur tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd skont ir-Regolament (KE) Nru 104/2000
ĠU L 352, 21.12.2012, p. 6–9

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2012 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Għajnuna diretta għall-baqar li jreddgħu u n-nagħaġ u l-mogħoż skont l-implimentazzjoni parzjali tal-arranġamenti tal-SPU"
17806/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 14/2012 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "L-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar l-iġjene tal-UE fil-biċċeriji tal-pajjiżi li ssieħbu fl-UE mill-2004 'il quddiem"
17807/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Għas-Sigurtà tal-Forniment ta' Iżotopi Radjuattivi għall-Użu Mediku fl-Unjoni Ewropea
17453/12

2013/11/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness IV (Enerġija) u għall-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE
ĠU L 7, 11.1.2013, p. 1–2

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1243/2012 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1342/2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet
ĠU L 352, 21.12.2012, p. 10–12

**It-3213-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fi Brussell fl-20 ta' Diċembru 2012**

Regolament (UE) Nru 174/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 106/2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju (Test b'relevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 63, 6.3.2013, p. 1–4

Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (Test b'relevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera)
ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12–29

Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra
ĠU L 17, 19.1.2013, p. 1–12

Regolament (UE) Nru 20/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta’ salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta’ stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra
ĠU L 17, 19.1.2013, p. 13–24

Direttiva tal-Kunsill 2013/1/UE tal-20 ta’ Diċembru 2012 li temenda d-Direttiva 93/109/KE dwar ċerti arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini
ĠU L 26, 26.1.2013, p. 27–29

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1262/2012 tal-20 ta’ Diċembru 2012 li jiffissa għall-2013 u l-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet ta’ ħut tal-baħar fond
ĠU L 356, 22.12.2012, p. 22–33

2013/64/UE: Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta’ assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall
ĠU L 26, 26.1.2013, p. 30–33

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Prinċipat ta' Andorra, ir-Repubblika ta' San Marino u l-Prinċipat ta' Monako
17783/12

Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/809/PESK tal-20 ta’ Diċembru 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan
ĠU L 352, 21.12.2012, p. 47–48

Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1244/2012 tal-20 ta’ Diċembru 2012 li jimplimenta l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan
ĠU L 352, 21.12.2012, p. 13–14

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/811/PESK tal-20 ta’ Diċembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo
ĠU L 352, 21.12.2012, p. 50–53

Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran
ĠU L 352, 21.12.2012, p. 49–49

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1245/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran
ĠU L 352, 21.12.2012, p. 15–15

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar talba lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali f'konformità mal-Artikolu 4(1) c) u d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali
ĠU C 400, 28.12.2012, p. 3–3

2013/3/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar id-DNA fil-Polonja
ĠU L 3, 8.1.2013, p. 5–6

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1273/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (riformulazzjoni)
ĠU L 359, 29.12.2012, p. 32–44

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali
ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1–5

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2012 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Għajnuna għall-Iżvilupp mill-Unjoni Ewropea għall-Provvista tal-Ilma tax-Xorb u s-Sanità Bażika fil-Pajjiżi Sub-Saħarjani"
17288/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi tal-EFTA
17151/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill - Kontribuzzjoni Finanzjarja Svizzera Futura għall-benefiċċju tal-Kroazja
17723/12

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/812/PESK tal-20 ta' Diċembru 2012 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK dwar l-Iraq
ĠU L 352, 21.12.2012, p. 54–54

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika Esterna tal-UE dwar l-Avjazzjoni – Nindirizzaw l-Isfidi tal-Futur
17558/12

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tal-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra
16826/12

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>DIĊEMBRU 2012 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **It-3204 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fi Brussell fit-3 ta' Diċembru 2012** | | | |
| Regolament (UE) Nru 1216/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 li jintroduċi, fl-okkażjoni tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, miżuri temporanji speċjali għar-reklutaġġ ta' uffiċjali u ta' aġenti temporanji tal-Unjoni | PE-CONS 58/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 1217/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar l-allokazzjoni ta' kwoti tar-rati tariffarji li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' injam mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni Ewropea | PE-CONS 59/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1218/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil taħt l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għat-tibdil fil-konċessjonijiet fir-rigward tal-laħam tat-tjur ipproċessat previsti fl-Iskeda tal-UE annessa mal-GATT tal-1994, u tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tajlandja taħt l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għat-tibdil fil-konċessjonijiet fir-rigward tal-laħam tat-tjur ipproċessat previsti fl-Iskeda tal-UE annessa mal-GATT tal-1994, u li jemenda u jissupplimenta l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni | PE-CONS 61/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **It-3207 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI), li saret fi Brussell, fis-6 u s-7 ta' Diċembru 2012** | | | |
| Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali | PE-CONS 56/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1168/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea | PE-CONS 60/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2012 li tadotta l-Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 għall-baġit ġenerali 2012 | 17145/1/12 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>kontra: DE, NL, SE, UK |

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**
**dwar il-baġit emendatorju nru 6/2012 u r-riżorsi proprji bbażati fuq id-DNG**

Il-Kummissjoni tikkonferma li l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri li jikkorrispondu għar-riżorsi proprji bbażati fuq id-DNG meħtieġa għall-finanzjament tal-baġit emendatorju Nru 6/2012 ser jitniżżlu mill-Eurostat għall-baġits u l-kontijiet nazzjonali tal-2012, anke jekk l-iżburżar attwali kellu jsir f'Jannar 2013, f'konformità mar-regoli tal-kontabbiltà rilevanti kif applikati mill-Eurostat.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2012 li tadotta l-Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit il-ġdid tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 | 17146/1/12 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>kontra: NL, AT, SE, UK |

**Dikjarazzjonijiet konġunti mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew**

**1. Approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2013**

B'kont meħud tal-isforzi li qed isiru bħalissa fl-Istati Membri għall-konsolidazzjoni fiskali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jieħdu nota tal-livell ta' pagamenti propost mill-Kummissjoni għall-2013, jaqblu dwar tnaqqis tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2013 meta mqabbel mal-abbozz ta' baġit tal-Kummissjoni. Huma jitolbu lill-Kummissjoni biex tagħti bidu għal kwalunkwe azzjoni meħtieġa skont it-Trattat u, b'mod partikolari, biex titlob għal approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali f'baġit emendatorju jekk l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għall-2013 jirriżultaw li mhumiex biżżejjed biex ikopru l-infiq taħt is-subintestatura 1a (Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi), is-subintestatura 1b (Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi), l-intestatura 2 (Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali), l-intestatura 3 (Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja) u l-intestatura 4 (L-UE bħala attur globali).

Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iħeġġu lill-Kummissjoni biex sa nofs Ottubru 2013 tippreżenta l-aħħar ċifri aġġornati rigward is-sitwazzjoni attwali u l-estimi rigward l-approprjazzjonijiet ta' pagament taħt is-subintestatura 1b u l-iżvilupp rurali taħt l-intestatura 2 u, jekk ikun meħtieġ, tippreżenta abbozz ta' baġit emendatorju. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma konxji li possibbilment jista' jkun meħtieġ abbozz ta' baġit emendatorju sa minn nofs l-2013. Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata d-deċiżjoni dwar il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali, it-tliet istituzzjonijiet jaqblu li janalizzaw kif jistgħu jitqabblu aħjar l-estimi tal-approprjazzjonijiet ta' pagament taħt ġestjoni kondiviża mal-ħtiġijiet korrispondenti.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jieħdu pożizzjoni dwar kwalunkwe abbozz ta' baġit emendatorju malajr kemm jista' jkun sabiex jevitaw kwalunkwe nuqqas fl-approprjazzjonijiet ta' pagament. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu l-impenn li jipproċessaw b'mod rapidu kwalunkwe trasferiment possibbli ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, inkluż minn intestatura tal-qafas finanzjarju għal oħra, biex isir l-aħjar użu possibbli tal-approprjazzjonijiet ta' pagament imdaħħla fil-baġit u jallinjawhom mal-eżekuzzjoni u l-ħtiġijiet attwali. F'konformità mal-Punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ifakkru fil-ħtieġa li tkun żgurata, fid-dawl tal-implimentazzjoni, progressjoni ordnata tat-total tal-approprjazzjonijiet ta' pagament b'rabta mal-approprjazzjonijiet għal impenji, sabiex tiġi evitata kwalunkwe evoluzzjoni anormali tal-impenji pendenti ("RAL").

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ser iwettqu monitoraġġ attiv tal-istat ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-2013, matul is-sena, b'fokus fuq l-implimentazzjoni tal-pagamenti, it-talbiet għal rimborż riċevuti u previżjonijiet riveduti, abbażi tal-informazzjoni dettaljata pprovduta mill-Kummissjoni.

Fi kwalunkwe każ, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru fir-responsabbiltà kondiviża tagħhom, kif stabbilit fl-Artikolu 323 tat-TFUE, li "l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw li jkun hemm disponibbli l-mezzi finanzjarji sabiex jippermettu li l-Unjoni tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward ta' partijiet terzi.

**2. Ħtiġijiet ta' pagament għall-2012**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinnotaw li l-livell ta' pagamenti, propost mill-Kummissjoni fl-abbozz ta' baġit tagħha għall-2013, kien imsejjes fuq il-preżunzjoni li l-ħtiġijiet ta' pagament fl-2012 ikunu ġew indirizzati b'approprjazzjonijiet disponibbli fil-baġit tal-2012. Madankollu, l-approprjazzjonijiet ta' pagamenti addizzjonali awtorizzati fil-baġit emendatorju Nru 6/2012 tnaqqsu b'EUR 2.9 biljun meta mqabbla mal-ammont propost mill-Kummissjoni, u mhumiex fil-livell tat-talbiet kollha għall-pagament riċevuti.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni timpenja ruħha biex tippreżenta fi stadju bikri fl-2013, abbozz ta' baġit emendatorju ddedikat għall-uniku fini li jkunu koperti t-talbiet sospiżi tal-2012, hekk kif jitneħħew is-sospensjonijiet, u l-obbligi legali pendenti l-oħra mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni xierqa tal-baġit għall-2013.

Biex jiġi żgurat ibbaġitjar tajjeb u preċiż tal-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jieħdu pożizzjoni dwar dan l-abbozz ta' baġit emendatorju malajr kemm jista' jkun sabiex ikun kopert kwalunkwe distakk pendenti.

**3. L-intestatura 5 u l-aġġustament tas-salarji u l-pensjonijiet**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li f'dan l-istadju ma jinkludux l-impatt baġitarju tal-aġġustament tas-salarji tal-2011 fil-baġit għall-2013. Mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Kunsill fil-kawżi c-66/12, c-63/12, c-196/12 u c-453/12, huma jitolbu b'mod konġunt lill-Kummissjoni, f'każ li l-Qorti taqta' sentenza favur il-Kummissjoni u hekk kif isir dan, biex tippreżenta abbozz ta' baġit emendatorju ddedikat għall-finanzjament, kif ikun meħtieġ, tal-impatt tal-aġġustament tal-2011 għall-istituzzjonijiet, inkluż l-effett retroattiv tiegħu fuq is-snin preċedenti u l-imgħax tardiv potenzjali.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill b'hekk jikkommettu ruħhom li japprovaw tali abbozz ta' baġit emendatorju malajr kemm jista' jkun u li jipprovdu l-approporjazzjonijiet addizzjonali meħtieġa bla ma jipperikolaw il-prijoritajiet politiċi.

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi, tal-Isvezja u dik tar-Renju Unit**

Il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja u r-Renju Unit jinnotaw li minħabba n-nuqqas fid-dritt tal-Unjoni ta' proċedura formali ta' adozzjoni ta' dokumenti politiċi, bħal konklużjonijiet u dikjarazzjonijiet, il-Kunsill jiddeċiedi dwar dokumenti politiċi bħal dawn b'kunsens. Dan jirrifletti l-prattika li ilha tal-Kunsill li dawn ma jgħaddux jekk xi Membru tal-Kunsill ikun opponihom. Għaldaqstant, jekk id-dikjarazzjonijiet jipproċedu mingħajr qbil mill-Kunsill b'kunsens, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja u r-Renju Unit ma jikkunsidrawx li tali dikjarazzjonijiet ikunu ġew adottati u ma jikkunsidrawx lilhom infushom, jew il-Kunsill, marbutin bil-kontenut ta' dawk id-dikjarazzjonijiet.

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Daniża**

Id-Danimarka tivvota favur il-baġit għall-2013. Fl-istess waqt, id-Danimarka ma tappoġġax id-dikjarazzjoni li tirrigwarda s-sospensjoni tal-pagamenti fl-2012, li d-Danimarka tqis li huma relatati mal-baġit emendatorju Nru 6/2012 li għalih id-Danimarka tivvota le.

**It-3210 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI)**
**li saret fi Brussell fil-11 ta' Diċembru 2012**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi (Test b'relevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 48/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>astensjoni: AT |

**Dikjarazzjonijiet mill-Ġermanja**

1. Kemm minħabba l-Premessa 4 kif ukoll minħabba l-fehim tagħna li l-objettiv ta' dan ir-Regolament mhuwiex li jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jieħdu miżuri oħra biex jipproteġu l-pubbliku mir-riskji li jirriżultaw mill-kimiki elenkati u b'mod partikolari mir-riskji għas-saħħa involuti, il-Ġermanja jiddispjaċiha li ma kienx possibbli li tiċċara, kemm fil-formulazzjoni tar-Regolament kif ukoll fil-premessi, li d-dispożizzjonijiet Ewropej jew dawk nazzjonali eżistenti, b'mod partikolari dawk dwar il-ħarsien tas-saħħa, jibqgħu mhux affettwati. Aħna nirrikonoxxu li l-Premessa 4 ġiet emendata biex tinkludi referenza għal dispożizzjonijiet eżistenti għall-ħarsien tal-ambjent u tas-sikurezza tal-ħaddiema bħala alternattiva għal kwalunkwe tali regolament. Madankollu, ir-referenza għar-regoli rigward is-sikurezza tal-ħaddiema mhijiex suffiċjenti.
2. Il-Ġermanja tosserva li kienet tkun mixtieqa armonizzazzjoni akbar tar-regoli dwar it-tikkettar ta' prodotti kkonċernati bil-ħsieb tas-suq intern u li tiġi evitata burokrazija bla bżonn għan-negozji. Barra minn hekk, f'konformità mal-fini tar-Regolament u sabiex tiġi evitata l-burokrazija eċċessiva, id-distributur biss għandu jkun soġġett għar-rekwiżit tat-tikkettar previst fir-Regolament.

**Dikjarazzjoni mill-Bulgarija**

Il-Bulgarija tirrikonoxxi b'mod sħiħ l-importanza li jiġi stabbilit qafas leġislattiv komuni b'regoli armonizzati għat-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prekursuri tal-isplussivi, li jimmiraw ukoll sabiex isaħħu l-livell ta' sigurtà pubblika u jnaqqsu r-riskju ta' attakki terroristiċi madwar l-Unjoni. Għalhekk il-Bulgarija ser tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament.

Madankollu, nixtiequ nesprimu d-dispjaċir tagħna li r-Regolament propost ma jilħaqx l-għanijiet tiegħu għalkollox.

Il-Bulgarija temmen li l-mira tar-Regolament kemm fir-rigward tal-funzjonament tas-Suq Intern kif ukoll tal-kwistjonijiet tas-sigurtà, jistgħu jintlaħqu bl-aħjar mod b'reġim aktar faċli.

Għalhekk il-Bulgarija tikkonsidra li l-għażla li toħloq l-anqas piż amministrattiv tkun li ma jkun hemm l-ebda deroga mir-restrizzjonijiet madwar l-UE.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta’ vetturi b’żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (Test b’relevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 52/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>astensjoni: UK |

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit u l-Bulgarija**

Ir-Renju Unit u l-Bulgarija juru d-dispjaċir tagħhom li bl-introduzzjoni tal-istadju Euro 5 tar-restrizzjonijiet tal-emissjonijiet mingħajr evidenza ta’ benefiċċji proporzjonati, il-prinċipji ta’ Regolamentazzjoni Aħjar u t-tfassil tal-politika bbażata fuq l-evidenza ma ġewx segwiti.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pożizzjoni (UE) Nru 1/2013 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 fir-rigward tal-esklużjoni ta' għadd ta' pajjiżi mil-lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negozjati Adottata mill-Kunsill fil-11 ta' Diċembru 2012 | 16737/1/12 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni minn Franza**

Franza tqis li l-iskadenza għar-ratifika tal-ftehimiet ta' sħubija ekonomika stabbilita fl-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 hija prematura: fil-fatt, hija toħloq ir-riskju tal-esklużjoni ta' għadd ta' pajjiżi li kkonkludew negozjati mil-lista ta' pajjiżi li għandhom aċċess preferenzjali għas-suq tal-UE. Minħabba l-viċinanza tagħha, din tista' toħloq ċertu nuqqas ta' komprensjoni fil-pajjiżi tal-AKP, li jkun ta' ħsara għall-proċess ta' negozjar ta' FSE reġjonali kompluti.

Jekk hu importanti li tiġi ffissata data ta' skadenza għar-ratifika, jeħtieġ li din tkun kompatibbli mal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali tal-pajjiżi tal-AKP u li tippermettilhom iħejju bl-aħjar mod għad-dħul fis-seħħ tal-FSE. Hu daqstant ieħor essenzjali li dawn il-ftehimiet jiġu applikati miż-żewġ partijiet fi klima ta' fiduċja u spirtu ta' sħubija. Franza dejjem appoġġat il-proċess tal-FSE; u tqishom tabilħaqq sħubijiet favur l-iżvilupp tal-pajjiżi tal-AKP. F'din il-perspettiva, il-President tar-Repubblika Franċiża, fl-intervent tiegħu quddiem l-Assemblea Nazzjonali Senegaliża f'Dakar nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ottubru 2012, esprima ruħu favur konsiderazzjoni aħjar tal-interessi Afrikani fil-qafas tan-negozjati tal-FSE, kif ukoll favur l-issoktar tad-diskussjonijiet b'kondizzjonijiet aktar favorevoli għall-pajjiżi Afrikani fir-rigward tal-iskeda taż-żmien u tal-kontenut. Għal dawn ir-raġunijiet, Franza tifhem l-argumenti tal-Parlament Ewropew, li wasslu lil din l-istituzzjoni biex titlob li l-iskadenza titressaq għall-2016, u f'dan il-kuntest, hija favur li jsir trilogu bil-għan li jintlaħaq qbil dwar skadenza ulterjuri għar-ratifika, li tippermetti lill-pajjiżi tal-AKP jibbenefikaw minn skadenza supplementari, waqt li tingħata aktar viżibbiltà lill-istadju finali tal-proċess.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Adozzjoni ta' Att Leġislattiv wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-10 sat-13 ta' Diċembru 2012)** | | | |
| Regolament (UE) Nru 100/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Jannar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà | PE-CONS 78/12 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Regolament (UE) Nru 1219/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2012 li jistabbilixxi arranġamenti transizzjonali għal ftehimiet bilaterali ta’ investiment bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi | PE-CONS 66/12 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **It-3211-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fi Brussell fis-17 ta' Diċembru 2012** | | | |
| Regolament (UE) Nru 1257/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja | PE-CONS 72/11 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur<br>Mhux jipparteċipaw: ES, IT |

**Dikjarazzjoni mill-Istati Membri parteċipanti**
**dwar is-sehem tad-distribuzzjoni tat-tariffi tat-tiġdid għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju**

L-Istati Membri parteċipanti jistennew b'interess u fiduċja d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Magħżul, li għandu jiġi stabbilit fil-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, dwar il-livell tat-tariffi ta' tiġdid għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju u s-sehem ta' distribuzzjoni ta' tali tariffi fost l-Istati Membri parteċipanti.

Meta jiddeċiedu dwar is-sehem ta' distribuzzjoni tat-tariffi ta' tiġdid, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri parteċipanti għandhom jiġu ggwidati mill-kriterji elenkati fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja, bil-għan li l-Istati Membri parteċipanti kollha jkunu jistgħu jżommu d-dħul mit-tariffa ta' tiġdid attwali waqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li dawk l-Istati Membri li attwalment għandhom tariffa ta' tiġdid baxxa jżidu dan id-dħul b'mod sinifikanti.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1260/2012 tas-17 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni | 18855/2/12 REV 2 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur<br>Mhux jipparteċipaw: ES, IT |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 55/2013 tas-17 ta' Diċembru 2012 dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1214/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq bejn Stati Membri taż-żona tal-euro | 17787/10 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **It-3213-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA)**<br>**li saret fi Brussell fl-20 ta' Diċembru 2012** | | | |
| Regolament (UE) Nru 174/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 106/2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju (Test b'relevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 57/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (Test b'relevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera) | PE-CONS 65/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra | PE-CONS 62/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim tal-ewwel qari bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra[1].

(a) Kif previst fir-Regolament (UE) Nru 19/2013, il-Kummissjoni ser tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim u ser tkun lesta tiddiskuti mal-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-Ftehim.

(b) Il-Kummissjoni ser tagħti importanza partikolari lill-implimentazzjoni effettiva tal-impenji dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-Ftehim, filwaqt li jittieħed kont tal-informazzjoni speċifika mogħtija mill-korpi ta' monitoraġġ rilevanti tal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u l-ftehimiet ambjentali multilaterali elenkati fit-Titolu IX tal-Ftehim. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser tfittex ukoll il-fehmiet tal-gruppi konsultattivi rilevanti tas-soċjetà ċivili.

(c) Wara l-iskadenza tal-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana fil-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni ser tivvaluta s-sitwazzjoni tas-suq tal-Unjoni għall-banana u l-istat tal-produtturi tal-banana tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ser tirrapporta r-riżultati tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u ser tinkludi valutazzjoni preliminari tat-tħaddim tal-"Programme d'Options Spécifiques à l'Éloignement et l'Insularité" (POSEI) għall-preservazzjoni tal-produzzjoni tal-banana fl-Unjoni.

[1] ĠU L 17, 19.1.2013, p. 1.

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni**

Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jaqblu dwar l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u r-Regolament (UE) Nru 19/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra [1]. Għal dan il-għan jaqblu dwar li ġej:

- Fuq talba mill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lilu dwar kwalunkwe tħassib speċifiku relatat mal-implimentazzjoni mill-Kolombja jew mill-Perú tal-impenji tagħhom dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.
- Jekk il-Parlament Ewropew jadotta rakkomandazzjoni biex tinbeda investigazzjoni ta’ salvagwardja, il-Kummissjoni ser teżamina bir-reqqa jekk jintlaħqux il-kondizzjonijiet taħt ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 għal inizjazzjoni ex-officio. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-kondizzjonijiet ma ġewx sodisfatti, hi ser tippreżenta rapport lill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew li jinkludi spjegazzjoni tal-fatturi kollha rilevanti għall-inizjazzjoni ta’ tali investigazzjoni.

**Dikjarazzjoni mill-Belġju**
Il-Belġju jinsisti li l-Kummissjoni tagħti l-ikbar attenzjoni għall-effetti tal-prezzijiet għall-konsumatur meta tivvaluta l-impatt previst fl-Artikolu 15(3).

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 20/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra | PE-CONS 63/12 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim tal-ewwel qari bejn il-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Regolament (UE) Nru 20/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra[1].

Kif previst fir-Regolament (UE) Nru 20/2013, il-Kummissjoni ser tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Parti IV tal-Ftehim u ser tkun lesta tiddiskuti mal-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-Parti IV tal-Ftehim.

Il-Kummissjoni ser tagħti importanza partikolari lill-implimentazzjoni effettiva tal-impenji dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-Ftehim, b'kont meħud tal-informazzjoni speċifika mogħtija mill-korpi ta' monitoraġġ rilevanti tal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u l-ftehimiet ambjentali multilaterali elenkati fit-Titolu VIII tal-Parti IV tal-Ftehim. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser titlob ukoll il-fehmiet tal-gruppi konsultattivi rilevanti tas-soċjetà ċivili.

Wara l-iskadenza tal-Mekkaniżmu ta' Stabbilizzazzjoni għall-Banana fil-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni ser tivvaluta s-sitwazzjoni tas-suq tal-Unjoni għall-banana u l-istat tal-produtturi tal-banana tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ser tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tinkludi valutazzjoni preliminari tal-funzjonament tal-"Programme d'Options Spécifiques à l'Éloignement et l'Insularité" (POSEI) fil-preservazzjoni tal-produzzjoni tal-banana fl-Unjoni.

---

1 ĠU L 17, 19.1.2013, p. 13.

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni**

Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jaqblu dwar l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' Parti IV tal-Ftehim u r-Regolament (UE) Nru 20/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra[1]. Għal dan il-għan jaqblu dwar li ġej:

- Fuq talba mill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lilu kwalunkwe tħassib speċifiku relatat mal-implimentazzjoni mill-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali tal-impenji tagħhom dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.
- Jekk il-Parlament Ewropew jadotta rakkomandazzjoni biex tinbeda investigazzjoni ta' salvagwardja, il-Kummissjoni ser teżamina bir-reqqa jekk jintlaħqux il-kondizzjonijiet taħt ir-Regolament (UE) Nru 20/2013 għal inizjazzjoni ex-officio. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-kondizzjonijiet ma ġewx sodisfatti, hi ser tippreżenta rapport lill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew li jinkludi spjegazzjoni tal-fatturi kollha rilevanti għall-inizjazzjoni ta' tali investigazzjoni.

**Dikjarazzjoni mill-Belġju**

Il-Belġju jinsisti li l-Kummissjoni tagħti l-ikbar attenzjoni għall-effetti tal-prezzijiet għall-konsumatur meta tivvaluta l-impatt previst fl-Artikolu 15(3).

| | | | |
|---|---|---|---|
| Direttiva tal-Kunsill 2013/1/UE tal-20 ta' Diċembru 2012 li temenda d-Direttiva 93/109/KE dwar ċerti arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini | 16066/12 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

[1] ĠU L 17, 19.1.2013, p. 13.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>DIĊEMBRU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi** |
| **It-3204 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fi Brussell fit-3 ta' Diċembru 2012** | |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1259/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll li jistipula l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għal perijodu ta' sentejn, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1801/2006<br>15776/12 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/827/UE tat-18 ta' Diċembru 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti bil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd attwalment fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet<br>15780/12 | |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1220/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar miżuri relatati mal-kummerċ sabiex tkun garantita l-provvista ta' ċerti prodotti tas-sajd lill-proċessuri tal-Unjoni mill-2013 sal-2015, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 104/2000 u (UE) Nru 1344/2011 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1062/2009<br>15912/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>DIĊEMBRU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi** |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/745/PESK tat-3 ta' Diċembru 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan<br>15983/12<br><br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1139/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta l-Artikolu 11(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan<br>15988/12<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/749/UE tat-3 ta' Diċembru 2012 li ġġedded il-perijodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2010/371/UE tas-7 ta' Ġunju 2010 dwar il-konklużjoni ta' konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Madagaskar taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE<br>16208/12<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/7/UE tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel<br>8741/12<br><br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1153/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ġilda tal-kamoxxa li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009<br>15931/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>DIĊEMBRU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/747/UE tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 (dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet) tal-Ftehim taż-ŻEE<br>15135/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Enerġija Rinnovabbli: attur ewlieni fis-suq Ewropew tal-enerġija<br>16205/11 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>DIĊEMBRU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi** |
| **It-3205 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI), li saret fi Brussell fl-4 ta' Diċembru 2012**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)<br>16489/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Forum Konġunt tal-UE dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment<br>16380/12<br><br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/769/UE tal-4 ta' Diċembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja li tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>16475/2/12 REV 2<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/778 tal-4 ta' Diċembru 2012 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2009/587/KE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'Malta<br>16824/12<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill 213/6 tal-4 ta' Diċembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/734/UE indirizzata lill-Greċja bil-ħsieb li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tagħti notifika lill-Greċja biex jittieħdu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjusa bħala meħtieġa biex tissewwa l-qagħda ta' żbilanċ eċċessiv<br>15649/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>DIĊEMBRU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi** |
| **It-3206 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fi Brussel fis-6 u s-7 ta' Diċembru 2012**<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/773 tas-6 ta’ Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta’ Stabbilizzazzjoni u ta’ Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta’ Stabbilizzazzjoni u ta’ Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, minn naħa oħra, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta’ sigurtà soċjali<br>16123/12<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/774 tas-6 ta’ Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali<br>16124/12<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/775 tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u r-Repubblika ta' San Marino, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali<br>16126/12 | |

| ATTI OĦRAJN | Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi |
|---|---|
| **<u>Dikjarazzjoni minn Malta</u>**<br>Malta tirrikonoxxi bis-sħiħ u tappoġġa l-objettiv tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill fir-rigward tat-Turkija, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Repubblika tal-Albanija u r-Repubblika ta' San Marino.<br>Madankollu, Malta tqis li dawn id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill għandhom jimplimentaw il-prinċipji għall-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali kif stabbiliti fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u ma għandhomx imorru lil hinn mill-portata ta' dawn il-Ftehimiet jew jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.<br>Malta tinnota li d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Albanija u tar-Repubblika tal-Montenegro ser jimplimentaw il-prinċipju tat-trattament ugwali anki jekk tali klawsola ta' trattament ugwali mhix preżenti b'mod espliċitu fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni rispettivi.<br>Għaldaqstant, Malta hija tal-fehma li l-inklużjoni ta' klawsola ta' trattament ugwali f'dawn id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ma għandhiex tiġi interpretata bħala li tfisser li Malta tqis it-trattament ugwali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-UE jew li tistabbilixxi preċedent rigward ftehimiet futuri possibbli bejn l-UE u pajjiżi terzi fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali jew fir-rigward ta' Deċiżjonijiet futuri tal-Kunsill li jimplimentaw ftehimiet bħal dawn.<br>Għaldaqstant Malta tastjeni fir-rigward tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jikkonċernaw ir-Repubblika tal-Albanija u r-Repubblika tal-Montenegro. | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/776 tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali<br>16127/12 | |
| **Dikjarazzjoni tal-Kunsill**<br>Il-Kunsill ifakkar fil-kawżi C-431/11 u C-656/11 li għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, fejn il-Qorti qed teżamina l-kwistjoni tal-bażi legali korretta għall-adozzjoni, rispettivament, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/407/UE tas-6 ta' Ġunju 2011 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness VI (sigurtà soċjali) u l-Protokoll 37 mal-Ftehim taż-ŻEE, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/863/UE tas-16 ta' Diċembru 2011 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-Anness II għal dak il-Ftehim dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali.<br>Minħabba li l-bażi legali proposta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni tagħha fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim li jistabblixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija hija l-istess għaż-żewġ Deċiżjonijiet imsemmijin hawn fuq, l-Unjoni Ewropea ser taċċetta Deċiżjoni li għandha tiġi adottata mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni biss wara li tingħata s-sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dawn iż-żewġ każijiet. | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>DIĊEMBRU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi** |
| **Dikjarazzjoni Konġunta mill-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit**<br>It-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 45(1) jiddikjaraw b'mod ċar li "Għandu jkun żgurat il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni". L-Artikolu 45(2) tat-TFUE jipprevedi li "tali moviment liberu jimplika l-abolizzjoni ta' kull diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza bejn il-ħaddiema tal-Istati Membri." L-Artikolu 48 tat-TFUE jipprevedi li l-Kunsill bis-setgħa li jadotta miżuri fil-qasam tas-sigurtà soċjali li jkunu meħtieġa biex ikun hemm dan il-moviment liberu tal-ħaddiema. Għalhekk, l-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit ma jaċċettawx li l-Artikolu 48 jista' jipprovdi bażi legali għal miżuri maħsuba biex japplikaw għal persuni li mhumiex ħaddiema impjegati jew li jaħdmu għal rashom tal-Istati Membri u d-dipendenti tagħhom li jiċċaqalqu ġewwa l-Unjoni.<br>Il-fehma tal-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit, li hija konsistenti mal-bażi legali li jsir riferiment għaliha għal miżuri oħra ta' dan it-tip, hija li miżuri bħal dawn jaqgħu korrettament taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE u b'mod partikolari l-Artikolu 79(2)(b). Dan jipprovdi b'mod speċifiku bażi legali għall-adozzjoni ta' miżuri li jiddefinixxu d-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fl-Unjoni.<br>Għaldaqstant, l-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit ma jqisux li l-Artikolu 48 tat-TFUE huwa l-bażi legali korretta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill u li l-Artikolu 79(2)(b) tat-TFUE għandu jkun il-bażi legali korretta għal din il-miżura. L-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit jirriżervaw id-dritt tagħhom li jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jiżguraw l-inklużjoni tal-bażi legali korretta. | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>DIĊEMBRU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi** |
| **Dikjarazzjoni mill-Bulgarija**<br>**dwar l-Artikolu 39 (2) tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li joħloq Assoċjazzjoni bejn ir-Repubblika tat-Turkija u l-Komunità Ekonomika Ewropea u dwar l-Artikolu 11 (1) u (2) tad-dispożizzjonijiet transizzjonali u finali tal-Abbozz ta' Deċiżjoni**<br>**1. Fir-rigward tal-Artikolu 39 (2)**<br>L-Artikolu 39 (2) tal-Protokoll Addizzjonali jintroduċi obbligu għall-Istati Membri kollha meta jiddeterminaw l-intitolament għall-pensjonijiet tal-irtirar, il-benefiċċji tal-mewt u l-pensjonijiet tal-invalidità, u l-provvediment ta' servizzi tas-saħħa għal ħaddiema ta' nazzjonalità Torka u l-familji tagħhom li jirrisjedu fil-Komunità, li jieħdu kont biss tal-perijodi ta' assigurazzjoni mwettqa taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru, iżda mhux dawk imwettqa taħt il-leġislazzjoni tat-Turkija.<br>Il-Bulgarija, konxja mill-Artikolu 39 (2) tal-Protokoll Addizzjonali, li huwa l-bażi legali għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni, u r-Regolament (UE) Nru 1231/10, li skont it-tnejn li huma l-aggregazzjoni tal-perijodi hija possibbli biss mill-Istati Membri, iżda mhux għall-perijodi mwettqa fit-Turkija, u, tiddikjara li meta jiġi ddeterminat l-intitolament ta' ħaddiema ta' nazzjonalità Torka għal xi wħud minn dawn it-tipi ta' pensjonijiet u benefiċċji ser tieħu kont biss tal-perijodi ta' assigurazzjoni mwettqa b'mod esluživ taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru u mhix ser tieħu kont ta' perijodi ta' assigurazzjoni mwettqa fit-Turkija.<br>**2. Fir-rigward tal-Artikolu 11 (1) u (2)**<br>L-Artikolu 11 (1) jiddikjara li l-ebda dritt ma jista' jinkiseb skont din id-Deċiżjoni għall-perijodu qabel id-dħul fis-seħħ tagħha.<br>L-Artikolu 11 (2) jistipula li soġġett għall-paragrafu 1 (jiġifieri id-drittijiet jinkisbu biss għall-perijodu wara d-dħul fis-seħħ tagħha), dritt għandu jinkiseb skont din id-Deċiżjoni anke jekk dan jirreferi għal kontinġenza li tirriżulta qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.<br>Ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li l-benefiċċji, imsemmija fl-Artikolu 1(1)(h) tal-abbozz ta' Deċiżjoni ser jiġu ddeterminati u mogħtija mhux qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni, saħansitra f'każijiet fejn l-intitolament huwa bbażat fuq kontinġenza li tirriżulta qabel dik id-data. | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>DIĊEMBRU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/792/UE tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil taħt l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għat-tibdil fil-konċessjonijiet fir-rigward tal-laħam tat-tjur ipproċessat previsti fl-Iskeda tal-UE annessa mal-GATT tal-1994, u tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tajlandja taħt l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għat-tibdil fil-konċessjonijiet fir-rigward tal-laħam tat-tjur ipproċessat previsti fl-Iskeda tal-UE annessa mal-GATT tal-1994<br>7883/1/12 REV 1<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/763 tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea<br>16111/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġlieda Kontra l-Vjolenza Kontra n-Nisa, u l-Proviżjoni ta' Servizzi ta' Appoġġ għall-Vittmi tal-Vjolenza Domestika<br>16382/12<br><br>Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012): It-Triq 'il Quddiem<br>17468/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>DIĊEMBRU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Donazzjoni u Trapjant tal-Organi<br>16666/12<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Tixjiħ b'Saħħtu Matul l-Istadji Kollha tal-Ħajja<br>16665/12<br><br>**It-3207 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI), li saret fi Brussell, fis-6 u s-7 ta' Diċembru 2012**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-segwitu għall-evalwazzjoni ta' Schengen li saret fl-2011 tal-Prinċipat tal-Liechtenstein<br>16366/12<br><br>2012/764/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mal-istabbiliment ta' Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja<br>14987/12 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>DIĊEMBRU 2012 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi** |
